MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2005

Numru. 49/2004

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
THERESA MARIA SIVE' THELMA MAMO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Theresa Maria sive' Thelma Mamo, ta' 23 sena, bint Victor u Pauline nee' Borg, imwielda Pieta' nhar l-4 ta' Gunju 1981, u residenti Binja 7, Entratura C, Flat 8, Wesghat il-Plajja, Attard, u dententrici tal-karta tal-identita' bin-numru 294081(M), u akkuzata talli fid-9 u fl-10 ta'Jannar 2004, f'Tas-Sliema u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmlin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi

foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b’qerq bi hsara ta’ Charichelon Company Limited (bhala producers tal-programm televisiv Tista’ Tkun Int) u diversi persuni ohra, dan bi ksur tal-Artiklu 308, 309, u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli xjentement laqghet ghandha jew xtrat affarijiet misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li tkun indahlet biex tmexxihom jew tbieghhom bi ksur tal-Artiklu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi saret recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-14 ta’ Jannar 1999.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Il-Qorti, wara li rat Artikli 183, 184 u 189 tal-Kap 9, Artikli 7(1), 5(c) tal-Kap 446, tqieghed lill-imputata taht ordni ta' probation ghal sentejn taht is-sorveljanza ta' 'probation officer' li ghandu jigi nominat mid-Direttur tal-Probation Services.  In oltre, tqieghda ukoll taht 'treatment order' fis-sens li l-imputata li ga ghamlet program residenzjali ta' 'rehabilitation' kontra d-drogi mal-Caritas u qeghda fl-istadju ta' 're-entry', tkompli dan il-programm mal-Caritas sal-finalita' tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------